MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1341/2002/1

***Josepine Borg***

***Vs***

***Loreto Borg***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) rappresentanti manteniment dovut mill-konvenut ghall-perijodu bejn Novembru 2001 sa Mejju 2002, skond digriet numru 1294/99 tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, moghti fil-5 ta' Ottubru 1999, Dokument A anness ma' l-avviz.

Illi skond l-istess digriet il-konvenut gie ordnat ihallas lill-attrici s-somma ta’ Lm60 fil-gimgha komplessivament ghall-attrici u ghaz-zewg ulied minuri.

Ra r-risposta tal-konvenut Loreto Borg, fejn huwa eccepixxa illi l-ammont reklamat ma huwiex dovut stante illi: (a) il-konvenut ilu jirregistra ghax-xoghol sa minn dak in-nhar, (b) gie intavolat rikors sabiex jigi ezentat milli jhallas l-istess u ghalhekk qabel xejn ghandu jigi determinat l-ezitu ta’ l-istess talba, (c) l-attrici qieghdha tircevi l-beneficcju socjali u ghaldaqstant ma hix il-legittimu kontradittur stante nuqqas ta’ interess.

Ra x-xhieda prodotti konsistenti limitatament fix-xhieda tal-kontendenti u tad-dokumenti esibiti.

Ra l-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2002 fejn id-difensuri tal-partijiet qabblu illi l-konvenut intavola rikors ghal varjazzjoni tad-digriet moghti mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta’ Ottubru 1999, ghal liema rikors l-attrici pprezentat ir-risposta taghha, liema rikors madankollu ghadu mhux dekretat.

Sema’ t-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidra:

Illi mix-xhieda attrici jirrizulta illi permezz ta’ digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili li jgib in-numru 1294/99, esibit bhala Dokument A ma’ l-avviz, il-Qorti kienet ikkundannat lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ sittin lira Maltin (Lm60) fil-gimgha u cioe’ ghoxrin lira Maltin (Lm20) bhala manteniment ghaliha u erbghin lira Maltin (Lm40) ghal uliedha Ryan u Karl. Dan id-digriet gie moghti fil-5 ta’ Ottubru 1999. In segwitu ghal dan id-digriet giet intavolata l-kawza tas-separazzjoni quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Onorevoli Imhallef Raymond Pace), liema kawza ghadha pendenti. Illi mis-26 ta’ Novembru 2001, il-konvenut waqaf ihallas l-manteniment skond id-digriet tal-Qorti, ghalkemm f’xi okkazzjonijiet gieli ghaddhielha xi ammonti zghar ta’ flus bhal per ezempju xi Lm5 jew Lm10 u dana kien jigri meta kien imur ghall-access tat-tfal u kien

jaghtiha xi haga zghira ghal uliedu. Pero' l-manteniment kif dekretat ghadu ma hux qed jithallas u ghalhekk is-somma ta' elf u hames mitt lira (Lm1500) mitluba fl-avviz ghadu kollu dovut.

L-attrici tghid illi zewgha kien qalilha huwa stess illi ma kienx bi hsiebu jhallasha aktar manteniment. Tghid illi dawn l-ammonti ma gewx imnaqqsa mill-Lm1500 dovuti ghaliex hija ma kenitx gharrfet b'dan lill-avukat taghha. Dawn kienu ammonti minimi hafna u ghalhekk ma kienux bizzejjed biex hija trabbi lit-tfal. Hija tghid illi ma tafx illi zewgha illum ma huwiex qieghed jahdem u inoltre tghid illi qatt ma kienet giet notifikata b'rikors biex il-manteniment jigi mibdul. Tikkonferma illi hija tircievi l-ghajnuna socjali u nfurmawha minn naha tad-Dipartiment, illi l-ammonti li kienu qed jithallsu lilha kienu ser jigu mnaqqsa mill-beneficcju socjali li kien qieghed jircievi r-ragel taghha u dana biex huma jghadduhom lilha. Infurmawha wkoll illi jekk zewgha kien ihallasha l-manteniment dovut, hija riedet tirrifondi l-ammont imhallsa lilha mid-Dipartiment. Hija tikkonferma illi bdiet tircievi l-ghajnuna socjali minn Dicembru 2001 fl-ammont ta' sebgha u tletin lira (Lm37) fil-gimgha.

Il-konvenut jikkonferma fix-xhieda tieghu illi huwa ma jahdimx u ilu madwar erba' jew hames snin ma jahdimx. Huwa jircievi l-ammont ta' ghoxrin lira (Lm20) fil-gimgha bhala ghajnuna socjali peress illi ma jahdimx. Jaf ukoll illi martu tircievi 'il fuq minn tletin lira (Lm30) fil-gimgha bhala ghajnuna u dan ghaliex dan l-ammont gie mnaqqas mill-ammont li jircievi hu biex l-istess jinghata lill-martu. Ighid illi qabel ma sehh dan huwa kien jircievi tnejn u erbghin lira (Lm42). Huwa jsostni illi mhuwiex minnu illi huwa jahdem minghajr ktieb tax-xoghol. Ighid ukoll illi fl-1999 u cioe' fid-data li nhareg id-digriet tal-Qorti huwa ma kienx jahdem u baqa' ma jahdimx minn dak iz-zmien. Jammetti illi l-ahhar xahar li ghadda l-manteniment lil martu kien f'Novembru 2001 u cioe' meta pprezenta r-rikors sabiex jigi varjat il-manteniment quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Minn dak iz-zmien huwa ma ghaddhiex flus lil martu u lanqas lil uliedu.

Ikkunsidra:

Illi l-artikolu 253(a) tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili jiddisponi illi s-sentenzi u d-digrieti tal-qrati tal-gustizzja ta' Malta jikkostitwixxu titoli ezekuttivi, u ghalhekk huma ezegwibbli skond il-ligi. Illi di piu' fir-rigward ta' digrieti moghtija mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili rigward hlas ta' manteniment *pendente lite*, u t-talbiet l-ohra indikati fl-artikolu 470, l-artikolu 480, sub-inciz 3(a) jiddisponi illi dawn id-digrieti huma meqjusa bhala titoli ezekuttivi, meqjus bhala nkluz fost id-digrieti msemmija fl-artikolu 253, hawn fuq citat, u ghalhekk illi l-istess digriet huwa ezegwibbli wara erbgha u ghoxrin siegha mill-ghoti tieghu bil-mezz ta' xi att ezekuttiv imsemmi fl-artikolu 273 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' permezz tal-mandati ezekuttivi. Dawn id-digrieti ma jibqghux ezegwibbli jekk il-kawza ghas-separazzjoni personali ma tinbediex fi zmien xahrejn minn meta jkun inhareg dan id-digriet jew f'xi zmien itwal li tista' taghti il-Qorti fl-istess digriet jew f'digriet iehor li jinghata wara.

Illi dan ma jfissirx illi jekk il-kawza ghas-separazzjoni ma tinbediex fit-terminu moghti, id-digriet jitlef l-effett tieghu bhala titolu ezekuttiv. Ifisser biss illi dan id-digriet ma jibqax ezegwibbli. Illi fil-kaz odjern irrizulta illi fil-fatt hemm proceduri pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili in konnessjoni mas-separazzjoni personali tal-kontendenti u li inoltre hemm ukoll rikors pendenti quddiem l-istess Qorti ghal varjazzjoni tad-digriet imsemmi u cioe' d-Dokument A anness ma' l-avviz. Li ma johrogx mix-xhieda huwa jekk din il-kawza gietx intavolata fit-terminu rikjest, fattur li ma huwiex rilevanti madanakollu ghal kawza odjerna fejn l-attrici intentat dawn il-proceduri sabiex possibilment ikollha titolu ezekuttiv iehor li abbazi tieghu tista' tezegwixxi l-ordni moghtija fid-digriet mertu ta' din il-kawza.

Illi d-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili moghti bis-sahha ta' l-artikolu 470 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jibqa' fis-sehh sakemm l-istess ma jigiex varjat permezz ta' digriet iehor moghti wara jew permezz ta' sentenza tal-Qorti.

Illi ghalhekk ghalkemm jirrizulta bhala fatt mhux kontradett illi l-konvenut intavola rikors ghal varjazzjoni tad-digriet tas-Sekond'Awla li permezz tieghu gie stabbilit illi l-manteniment pagabbli kellu jkun ta' sittin lira (Lm60) fil-gimgha, dan ir-rikors ghadu pendenti u inoltre sal-mument illi l-manteniment jigi varjat, id-digriet originali jibqa' validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu, t-tieni eccezzjoni tal-konvenut ma tistax tintlaqa'.

Illi anke l-fatt illi l-konvenut jallega illi huwa ma jahdimx, ukoll ma jista' qatt ikollu l-effett illi jnehhi l-validita' jew l-applikabbilita' tad-digriet tas-Sekond'Awla, iktar u iktar meta l-konvenut stess ighid fix-xhieda tieghu illi sahansitra meta nghata dan id-digriet huwa diga' kien jinsab dizokkupat. Illi ghalhekk lanqas din l-eccezzjoni ma tista' tigi milqugha.

Illi l-konvenut jecepixxi finalment illi l-attrici qieghdha tircevi l-beneficcju socjali u ghalhekk ma hijiex il-legittimu kontradittur stante nuqqas ta' interess. Illi mix-xhieda jirrizulta illi minhabba l-fatt illi l-konvenut waqaf ighaddi l-manteniment lill-attrici f'Novembru 2001, hija applikat ghall-ghajnuna socjali mad-Direttur tas-Sigurta' Socjali u bdiet tirciević l-ghajnuna socjali minn Dicembru 2001, bir-rata ta' sebgha u tletin lira (Lm37) fil-gimgha. B'konsewgewenza ta' dan il-fatt il-beneficcju ghall-qaghad li kien jircievi l-konvenut naqas minn tnejn u erbghin lira (Lm42) fil-gimgha ghal ghoxrin lira (Lm20) fil-gimgha.

Illi qabel xejn ghandu jinghad illi l-konvenut ma ressaqx lid-Direttur ghas-Sigurta' Socjali bhala xhud in sostenn ta' l-ahhar eccezzjoni sollevata minnu. Huwa qieghed jikkontendi illi b'konsegwenza ta' l-fatt illi l-attrici bdiet tircievi l-ghajnuna socjali, tnaqqas ir-rata li huwa kien qieghed jircevi bhala beneficcju mid-Direttur ghas-Sigurta' Socjali u ghalhekk huwa ma

ghandu jhallas l-ebda manteniment favur l-attrici ai termini tad-digriet tal-Qorti.

Illi minn imkien fil-Ligi ma jirrizulta illi l-effetti ta' digriet jew sentenza dwar manteniment jigu sospizi kemm-il darba l-persuna li ghandha tircievi l-hlas tal-manteniment tkun qieghdha tircievi l-ghajnuna socjali mid-Direttur ghas-Sigurta' Socjali. L-obbligu tal-konvenut kwindi ai termini tad-digriet tal-Qorti ma spiccax fil-mument illi l-attrici bdiet tircievi l-ghajnuna socjali. Kieku wiehed kellu jirraguna b'dan il-mod, allura jkun iktar komdu ghal persuna kkundannata ghal hlas ta' manteniment li taddossa r-responsabbiltajiet taghha skond il-ligi fuq l-Istat. Fil-fatt id-Direttur ghas-Sigurta' Socjali dejjem jirriserva d-dritt favur tieghu illi jigi rifuz kwalsiasi ammont ta' beneficcju li jigu mhallsa indebitament u dana ai termini ta' l-Artikolu 102 ta' l-Att dwar is-Sigurta' Socjali (Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta). Illi ghaldaqstant fl-eventwalita' illi l-konvenut ihallas lill-attrici l-ammont kollu dovut lejha bhala manteniment ghal perijodu li fih hija kienet qieghdha tircievi l-ghajnuna socjali minn ghand il-Gvern, ikun obbligu taghha skond il-ligi, u mhux tal-konvenut, illi tirrifondi kwalsiasi ammont imhallas indebitament lid-Direttur ghas-Sigurta' Socjali. Din hija azzjoni li tispetta lid-Direttur ghas-Sigurta' Socjali u ghalhekk ma tinkwadrax ruhha fil-mertu ta' din il-kawza. Ghaldaqstant lanqas din l-ahhar eccezzjoni sollevata mill-konvenut ma tista' tintlaqa'.

Illi finalment rigward il-*quantum* tal-manteniment li qed jigi mitlub permezz tal-prezenti istanza, ma jirrizultax illi l-konvenut fir-risposta tieghu, qieghed jikkontesta dan l-ammont jew jallega illi huwa hallas diga' xi parti minnhom, ghalkemm mix-xhieda johrog illi huwa seta' hallas xi ammonti minimi lit-tfal. Illi fuq kollox kalkolazzjoni ta' manteniment bir-rata ta' sittin lira (Lm60) fil-gimgha ghax-xhur li qed jintalab mill-attrici u cioe' minn Novembru 2001 sa Mejju 2002, x'aktarx iwasslu ghall-ammont li jeccedi l-Lm1500 u ghalhekk l-ammont mitlub huwa wiehed ragonevoli fic-cirkostanzi.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal, filwaqt li jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa' t-talba attrici u

jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500).

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**